MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 2820/1997/1

**Onor. Prim Ministru Dr Alfred Sant**

**v.**

**Onor. Dr Austin Gatt u Michael Caruana**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan hu appell, b'appell incidentali, minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Novembru 2002, u tirrigwarda kliem li nghad mill-Onor. Dott. Austin Gatt waqt il-Kunsill Generali tal-Partit Nazzjonalista il-Hadd, 7 ta' Dicembru 1997 u li gie riprodott fil-gurnal *In-Nazzjon* tal-ghada 8 ta' Dicembru 1997 f'pagna 5. L-

artikolu fil-gazzetta, li rriproduca – kif ser naraw aktar ’l quddiem, parti biss izda korrettement – id-diskors ta’ Dott. Gatt, kien intestat: “**Alfred Sant korrott** – *Austin Gatt*”.

**2.** Permezz ta’ citazzjoni prezentata fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta’ Dicembru 1997, l-attur, li dak iz-zmien kien jokkupa l-kariga ta’ Prim Ministru, hassu malafamat u ingurjat kemm bid-diskors kif ukoll bir-riproduzzjoni tieghu. Tajjeb li hawn tigi riprodotta fl-intier taghha c-citazzjoni:
**“Peress illi nhar il-Hadd 7 ta’ Dicembru 1997, waqt il-Kunsill Generali tal-Partit Nazzjonalista li nzamm fil-Pieta`, il-konvenut Dr. Austin Gatt ghamel diskors li fih ghamel allegazzjonijiet foloz fil-konfront ta’ l-istanti billi attribwilu fatti determinati bi skop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u li jesponuh ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku billi allega li l-istess attur kien korrott.**

**“Peress illi waqt l-istess Kunsill Generali kienu prezenti l-gurnalisti kemm ta’ l-Istampa kemm tal-mezzi tax-Xandir, u ghalhekk l-istess konvenut Dr. Austin Gatt kien jaf li d-diskors tieghu kien ser jigi pubblikat mill-gurnali u mill-mezzi tax-xandir, kif effettivament gie pubblikat.**

**“Peress li l-konvenut Michael Caruana bhala Agent Editur, f’pagna hamsa tal-harga tal-gurnal “In-Nazzjon” tat-Tnejn 8 ta’ Dicembru 1997, ukoll ghamel allegazzjonijiet foloz fil-konfront ta’ l-istanti billi attribwilu fatti determinati bi skop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u li jesponuh ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku billi r-rapport tad-diskors maghmul mill-konvenut Dr. Austin Gatt intestah b’ittri kbar “Alfred Sant korrott”.**

**“Peress illi l-istanti bhal parti offiza ghandu dritt ghad-danni kontemplati fl-Att dwar l-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta’ Malta).**

**“Jghidu l-konvenuti ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:**

**“1. tiddikjara illi l-istess konvenuti taw malafama lill-istanti bid-diskors u l-kitba fuq imsemmija bil-ghan li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tieghu;**

**“2. tikkundanna lill-istess konvenuti jhallsu lill-istanti dik is-somma li din il-Qorti tiddetermina bhala danni u riparazzjoni ta’ l-ingurja morali u malafama li huwa sofra bid-diskors u l-pubblikazzjoni fuq imsemmija.**

**“Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenuti li ghandhom jidhru ghas-subizzjoni.”**

**3.** Ghal din ic-citazzjoni, il-konvenut Caruana wiegeb hekk:
**“Preliminarjament l-irritwalita` tac-citazzjoni billi qed issir kawza wahda bl-istess talbiet kontra zewg konvenuti dwar zewg incidenti distinti u separati u cioe` wahda kontra l-konvenut Gatt dwar malafama f’diskors pubbliku u ohra kontra l-konvenut Caruana dwar pubblikazzjoni miktuba u precizament dwar it-titolu moghti ghar-rappurtagg tad-diskors.**

**“Minghajr pregudizzju ghall-premess: (a) il-privilegg kwalifikat a tenur ta’ l-artikolu 12A tal-Ligi dwar l-Istampa (Kap. 248); (b) illi l-pubblikazzjoni tammonta ghal *fair comment*.**

**“Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”**

**4.** Il-konvenut l-iehor, l-Onor. Dott. Austin Gatt eccepixxa hekk:

**“Illi d-diskors pubbliku ta’ l-eccipjenti kien jikkonsisti f’allegazzjonijiet ta’ fatti u f’kummenti u kritika; ghal dawk li huma fatti, l-eccipjenti lest jipprova l-verita` taghhom u ghal dawk li huma kummenti, dawn jammontaw ghal “fair comment” (kritika) dwar figura pubblika, liema kritika hija ta’ interess pubbliku u bazata fuq u mibnija madwar fatti li huma sostanzjalment veri.**

**“Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”**

**5.** Dan il-kaz idur tista’ tghid fuq espressjoni jew sentenza wahda: “Alfred Sant korrott”, il-kliem uzati fir-rapport fil-gurnal In-Nazzjoni, pagna 5, tat-Tnejn 8 ta’ Dicembru 1997 (ara Dok. A. fol. 5), u l-kliem originali li l-konvenut Gatt jammetti li qal fid-diskors pubbliku tieghu: “Jien nghid li ghandi provi bizzejjed biex nghid li Alfred Sant korrott” (ara, per ezempju, fol. 94 u 127 ta’ l-atti). Apparti l-privilegg eccepit mill-konvenut Caruana u apparti l-eccezzjoni preliminari dwar l-irritwalita` tac-citazzjoni sollevata minnu – eccezzjoni preliminari li giet michuda mill-ewwel Qorti u li minnha ma sarx appell – il-kwistjoni kollha f’din il-kawza ddur dwar dawn il-kliem u jekk dawn jistghux, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jitqiesu bhala “fair comment”. Kif jispjega l-appellant l-Onor. Gatt fid-deposizzjonijiet tieghu, hu qal dak il-kliem minhabba akkumulu ta’ cirkostanzi u fatti li, skond hu, kienu jwassluh ghall-dik il-konkluzzjoni. Fid-diversi deposizzjonijiet tieghu quddiem l-ewwel Qorti – il-process quddiem l-ewwel Qorti fih 813-il pagna, oltre erba’ pulzieri ta’ dokumenti ohra mhux enumerati – il-konvenut spjega kif huwa, fil-Kunsill Generali fuq imsemmi, kien spjega x’kienu dawn il-fatti u cirkostanzi, u li bazikament dawn kienu tlieta. L-ewwel cirkostanza kienet ta’ kif il-Gvern, allura mmexxi mill-attur bhala Prim Ministru, kien “irranga” biex il-Malta Labour Party ma jitlifx art tal-Gvern, moghtija lilu b’cens, f’Pembroke, meta l-istess partit kien moruz fil-hlas tac-cens. Fi kliem l-appellant Gatt: *“Il-Gvern dahal fid-drittijiet illi l-‘Malta Labour Party’ ghandha kontra l-‘Malta Shipbuilding’. Il-posizzjoni taghna kienet illi kreditur illi ghandu debitur tieghu lill-‘Malta Labour Party’ illi qieghed itih post fejn mill-anqas ha jdahhal erba’ mitt elf, nofs miljun lira, minflok izzomm lil dak id-debitur, taghzel debitur dikjaratament fallut, bhalma hija l-‘Malta Shipbuilding’ m’hijiex azzjoni li wiehed jistenna minn persuna li jahdem u jikkunsidra l-kreditu tieghu bhala kreditu li jrid jikkonservah.”* Il-konvenut kompla fisser in konnessjoni ma’ din ic-cirkostanza dwar il-proprjeta` f’Pembroke li in segwitu l-Gvern kien ressaq rizoluzzjoni fil-Parlament li, skond hu, permezz taghha il-Gvern

intrabat li ma jiehux passi kontra l-Malta Labour Party dwar din l-art minhabba nuqqas ta' hlas ta' cens (ara fol. 100-101 ta' l-atti). It-tieni cirkostanza kienet dwar kif inghataw il-kuntratti ghall-pubblicita` u l-promozzjoni ta' l-allura taxxa CET (in segwitu abolita) li l-Gvern immexxi mill-attur ried li tirrimpjazza l-VAT. Skond il-konvenut saru "manuvri", li fihom kien involut anke l-assistent personali ta' l-attur, Joseph Borg, b'"suggerimenti verbali"[1], biex jigu raggirati (ankorke b'mod mhux kontra l-ligi) l-*Financial Regulations* biex ma tohrogx sejha pubblika permezz ta' tender izda jigu interpellati direttament tlett ditti biex jaghmlu l-offerta taghhom. Skond l-appellant dawn it-tlett ditti kienu non-entitajiet in kwantu bla esperjenza fil-kamp pubblicitarju, u dik li ntaghzlet kienet wahda li fiha kienet involuta m'mod qawwi persuna li kienet b'xi mod midhla jew habiba tal-Malta Labourt Party. Inoltre l-kuntratt baqa' jigi estiz b'*direct order* biex ecceda bil-hafna s-somma originali, u mill-kuntratt ibbenefika wkoll il-Malta Labour Parti b'riklami li gie mitlub jippubblika. It-tielet cirkostanza kienet li, meta l-Gvern gie biex jiggestixxi l-"Euro Mediterranean Dialogue", l-attur talab il-parir ta' certu Phil Noble, gja` konsulent tal-Malta Labour Party in konnessjoni ma' kampanja elettorali, biex dan jissuggerixxi ditti barranin ghall-"political marketing campaign" ghal din il-konferenza. Dan issuggerixxa zewg ditti barranin, u dik eventwalment maghzula min-nahha taghha impjegat lill-istess Phil Noble biex jaghmlilha x-xoghol f'Malta in konnessjoni ma' l-istess konferenza, cioe` l-"Euro Mediterranean Dialogue". Kienu dawn, in succint, ic-cirkostanzi li wasslu lill-attur ighid testwalment: "Jien nghid li ghandi provi bizzejjed biex nghid li Alfred Sant korrott."

**Is-sentenza appellata**

**6.** Is-sentenza appellata, wara li ddisponiet mill-eccezzjoni preliminari tan-nullita` ossia irritwalita` tac-citazzjoni, iddecidiet il-meritu tal-kawza hekk:

"Il-fatti li wasslu għal dan il-każ ġraw hekk:

[1] Ara d-deposizzjoni ta' Alfred Baldacchino, allura Agent Direttur tad-DOI, tas-6 ta' Mejju 1998, a fol. 452 – 454.

“Waqt diskors li għamel fis-7 ta’ Diċembru 1997 fil-Kunsill Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista il-konvenut Dr Austin Gatt semma serje ta’ episodji li magħhom kellu x’jaqsam l-attur bħala kap tal-gvern u bħala kap tal-Partit Laburista, u qal illi dawn l-episodji wassluh għall-konklużjoni illi l-attur huwa korrott.

“Rapport ta’ dan id-diskors kien pubblikat fil-ħarġa tal-għada tal-ġurnal *In-Nazzjon* u r-rapport kien intestat hekk: «Alfred Sant korrott — Austin Gatt». Ir-rapport (bla ma jgħid illi Dr Gatt kien semma episodji oħra) isemmi wkoll episodju wieħed minn dawk li kien semma Dr Gatt biex wasal għal dik il-konklużjoni.

“Il-konvenuti qegħdin igħidu illi l-konklużjoni li l-attur huwa korrott hija kumment mibni fuq fatti li huma veri, u irrakkontaw episodji biex juru illi l-attur meta kien kap tal-gvern kien inqeda b’dik il-pożizzjoni biex jagħti vantaġġ lill-partit politiku li kien ukoll kap tiegħu. Dawn il-fatti, igħidu l-konvenuti, juru illi l-politika ta’ l-attur hija korrota. Waqt illi kien qiegħed jixhed, iżda, l-konvenut Dr Gatt għamel din il-preċiżazzjoni:

““Jiena, qatt, la ktibt la għidt illi Dr Sant huwa personali korrott; qatt ma għidtha — anzi nibqa’ nsostniha: ngħidha ċar. … … … Imkien ma għidt x’imkien illi Dr Sant jew għamel dan biex idaħħal xi sold fil-but jew xi ħadd ħallsu, assolutament. Jiena konvint illi din mhix kwistjoni personali; din hija kwistjoni politika — *punto e basta*![2]”

“Iżda, kif sewwa igħid l-attur fin-nota ta’ osservazzjonijiet tiegħu, “*the sting of the libel*” kien f’li min jisma’ jew jaqra l-kelmiet «Alfred Sant korrott» jasal għall-konklużjoni mhux illi l-politika ta’ l-attur ma hix korretta iżda li l-attur personalment hu korrott, ladarba l-preċiżazzjoni li għamel waqt li kien qed jixhed il-konvenut ma għamilhiex ukoll waqt id-diskors tiegħu.

[2] Ara x-xiehda tal-konvenut Dr Austin Gatt fis-seduta tat-8 ta’ Jannar 1998, *fol.* 35.

“Għalhekk, fil-fehma tal-qorti ma hux meħtieġ illi naraw jekk il-fatti li fuqhom strieħu l-konvenuti humiex veri u jekk jiġġustifikawx il-kumment li sar għax dawn il-fatti jistgħu jwasslu biss għal konklużjoni dwar il-politika ta’ l-attur u mhux dwaru personalment, mentri min jisma’ jew jaqra l-kumment tal-konvenut Dr Gatt mingħajr ma jkun sema’ wkoll il-preċiżazzjoni li għamel fil-qorti jifhem illi l-allegazzjoni hija dwar l-attur personalment.

“Għalhekk l-eċċezzjoni tal-*fair comment* u tal-verità tal-fatti ma tistax tintlaqa’.

“Fadal li nqisu l-eċċezzjoni tal-konvenut Caruana mibnija fuq il-privileġġ mogħti mill-art. 12A ta’ l-Att dwar l-Istampa. Dan l-artikolu jgħid hekk:

“”**12A.** Fi proċeduri meħuda in forza ta’ dan l-Att tkun difiża għall-editur jew għar-responsabbli għall-pubblikazzjoni li jipprova li l-informazzjoni pubblikata kienet tikkonsisti f’rapport preċiz ta’ diskors li sar f’avveniment pubbliku importanti minn persuna identifikata u li kienet taf jew raġonevolment setgħet tkun taf jew tistenna li l-kontenut ta’ dak id-diskors se jiġi pubblikat f’gazzetta jew f’mezz tax-xandir, u li l-pubblikazzjoni ta’ l-istess diskors kienet raġonevolment ġustifikabbli f’soċjetà demokratika.”

“Fil-fehma tal-qorti hemm l-elementi kollha li trid il-liġi biex il-konvenut Caruana jgawdi minn dan il-privileġġ. Ma hux kontestat illi r-rapport tad-diskors kien preċiż, u kien rapport ta’ diskors li sar f’avveniment pubbliku importanti minn persuna identifikata fir-rapport stess li kienet taf illi d-diskors tagħha kien sejjer jiġi pubblikat. Matul id-diskors issemmew ukoll fatti li kien fl-interess pubbliku li jkunu magħrufa.

“Huwa minnu illi l-ilment ta’ l-attur huwa aktar kontra l-intestatura tar-rapport milli kontra r-rapport innifsu; madankollu l-intestatura kienet tirrifletti allegazzjoni magħmula matul id-diskors mill-kelliem illi ħa r-responsabbiltà għaliha, u l-allegazzjoni kienet serja

biżżejjed biex tagħti lill-pubbliku interess leġittimu li jkun jaf biha.

“Għalhekk l-eċċezzjoni tal-privileġġ kwalifikat hija milqugħa.

“Fadal illi nillikwidaw il-*quantum* tad-danni.

“Il-Qorti, wara li qieset is-serjetà ta’ l-allegazzjoni kontra l-attur u qieset ukoll illi, wara li nqala’ dan l-episodju, il-konvenut Dr Gatt għamel pubblikament stqarrija illi ma riedx li l-allegazzjoni li għamel titqies illi tiftehem li tirreferixxi għall-attur personalment, hija tal-fehma illi s-somma ta’ tmien mitt lira (Lm800) tkun kumpens xieraq għall-malafama.

“Il-Qorti għalhekk taqta’ l-kawża billi tilqa’ l-eċċezzjoni ta’ privileġġ kwalifikat imressqa mill-konvenut Michael Caruana u tiċħad it-talbiet ta’ l-attur safejn magħmula kontra dak il-konvenut; tiċħad l-eċċezzjoni ta’ *fair comment* u ta’ verità tal-fatti mressqa mill-konvenut Dr Austin Gatt; tgħid illi l-konvenut Dr Gatt ta malafama lill-attur bil-kliem «Alfred Sant korrott»; tillikwida d-danni fis-somma ta’ tmien mitt lira (Lm800) u tikkundanna lill-konvenut Dr Austin Gatt iħallas lill-attur id-danni hekk likwidati.

“L-ispejjeż tal-konvenut Michael Caruana, ħlief dawk relativi għall-eċċezzjoni ta’ nullità, għandu jħallashom l-attur, u l-ispejjeż relativi għall-eċċezzjoni ta’ nullità għandu jħallashom il-konvenut Caruana; l-ispejjeż l-oħrajn għandu jħallashom il-konvenut Dr Austin Gatt.”

## L-appell u l-appell incidentali

**7.** Il-konvenut Onor. Dr Austin Gatt appella minn din is-sentenza. L-appellant, filwaqt li jaghmel accenn ghall-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem in materja tal-liberta` ta’ l-espressjoni u jirreferi wkoll ghan-nota ta’ sottomissjonijiet estensiva tieghu quddiem l-ewwel Qorti[3], jikkontendi li l-ewwel Qorti malament

[3] Fol. 789-794.

ikkonkludiet li min sema' jew qara *"l-kelmiet 'Alfred Sant korrott' jasal ghall-konkluzjoni mhux illi l-politika ta' l-attur ma hix korrotta izda li l-attur personalment hu korrott, ladarba l-precisazzjoni li ghamel waqt li kien qed jixhed il-konvenut ma ghamilhiex ukoll waqt id-diskors teghu."* Skond l-appellant, ma ngabet ebda prova mill-attur *"tal-kontenut ta' dan id-diskors u ghalhekk l-Ewwel Qorti ma setghetx tasal ghall-konkluzzjoni li l-kelliem ghamel jew m'ghamilx tali precisazzjoni."* Jillanja wkoll illi *"…id-distinzjoni li ghamlet l-Ewwel Qorti u cioe` illi l-kazi li semma' l-konvenut Gatt fid-diskors tieghu semmai jippruvaw illi l-<u>politika ta' l-attur</u> hija korrotta u <u>mhux l-attur</u>, hija sofizmu lingwistika ricerkata…"*. Skond l-appellant l-ewwel Qorti ghamlet distinzjoni simplicistika ghax *"…l-azzjonijiet ta' persuna ma jistghux jigu distakkati mill-persuna li wettqithom…"* ghax, li kieku kien hemm *"…il-habs ta' Kordin mimli azzjonijiet flok mimli bil-persuni."* Jigi precizat li l-appellant Gatt mhux jilmenta mill-*quantum* tad-danni likwidati jew li fil-kaz *de quo* ma kellhomx jinghataw danni; hu semplicement qed jirribadixxi dak li kien qal fin-nota ta' eccezzjonijiet tieghu li hawn si tratta ta' "fair comment", ovvjament fil-kuntest ta' kuntrast politiku.

**8.** L-attur, min-naha tieghu, jillanja li l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta laqghet l-eccezzjoni ta' privilegg kwalifikat fir-rigward tal-konvenut appellat l-iehor, cioe` Michael Caruana. Skond l-attur, kien l-istess konvenut Gatt li qal li r-rapport fil-gazzetta *"ma kienx jirrifletti preciz dak minnu dikjarat waqt id-diskors pubbliku tieghu"*, u ghalhekk isegwi, dejjem skond l-attur, li Caruana ma setax jipprevalixxi ruhu mill-Artikolu 12A tal-Kap. 248. Jilmenta wkoll li d-danni likwidati ta' Lm800 kienu baxxi wisq in vista` tas-serjeta` ta' l-akkuzi u tal-malafama moghtija; u fl-ahharnett jilmenta wkoll li hu ma kellux ibati l-ispejjez tal-konvenut Caruana (eccetwati dawk ta' l-eccezzjoni tan-nullita`).

<u>**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**</u>

**9.** Jibda biex jinghad li azzjoni ta' libell f'dan il-kaz fil-konfront tal-konvenut Dott. Austin Gatt setghet tittiehed peress li dan id-diskors gie riprodott f'gazzetta u l-istess diskors inghad f'cirkostanzi meta min qalu – il-konvenut

Gatt – kien jaf jew ragjonevolment seta' jkun jaf jew jistenna li l-kontenut ta' dak is-diskors kien ser jigi pubblikat f'gazzetta jew f'mezz tax-xandir (Art. 12A, Kap. 248 abbinat s'intendi ma' l-Art. 3 – in effetti pubblikazzjoni *per interposta persona*). Kieku ma kienx hekk, dak li jintqal bil-fomm biss jista' jkun azzjonabbli bhala malafama u d-danni jinghataw biss jekk dak li jkun jipprova danni materjali skond il-Kodici Civili. Dan qed jigi precizat biex tigi ccarata certa konfuzjoni li din il-Qorti tara li l-partijiet in kawza holqu quddiem l-ewwel Qorti u, forsi minghajr ma jridu, qed ikomplu joholqu anke f'din l-istanza. Fi kliem iehor, dak li din il-Qorti trid thares lejh huwa dak li effettivament gie pubblikat fil-gazzetta; dak li effettivament intqal fil-kors tal-Konferenza Generali hu rilevanti biss in kwantu jista' jispjega dak li gie pubblikat jew jaghti lok li tintlaqa' jew ma tintlaqax xi linja difensjonali.

**10.** Issa, kif inhu risaput, fil-kaz ta' libell – kif ukoll anke fil-kaz ta' malafama li ma hix regolata bil-ligi dwar l-istampa – biex wiehed jiddetermina jekk kliem humiex malafamanti jew le wiehed ghandu japplika t-test tal-bniedem ragjonevoli dotat b'intelligenza ordinarja[4]. Fi kliem Lord Reid fil-kawza **Lewis v. Daily Telegraph** [5]:

**"What the ordinary man would infer without special knowledge has generally been called the natural and ordinary meaning of words. But that expression is rather misleading in that it conceals the fact that there are two elements in it. Sometimes it is not necessary to go beyond the words themselves, as where the claimant has been called a thief and a murderer. But more often the sting is not so much in the words themselves as in what the ordinary man will infer from them, and that is also regarded as part of their natural and ordinary meaning."**

---

[4] Ara, fost ohrajn, is-sentenza ta' din il-Qorti, diversament komposta, tad-19 ta' April 2005 fl-ismijiet **L-Avukat Dottor Louis Galea v. Frans Ghirxi bhala editur tal-gurnal 'L-Orizzont'**.
[5] [1964] A.C. 234, 258.

**11.** Ma hemmx dubbju li jekk wiehed ighid li persuna ohra hija korrotta, dik l-attribuzzjoni hija malafamanti. Is-sens ordnarju tal-kelma timplika li dak li jkun ghamel xi haga hazina biex jivvantaggja lilu nnifsu ossia biex b'xi mod jarrikkixxi lilu nnifsu – fi kliem iehor, biex bi ksur tal-ligi jew tar-regoli deontologici jew morali, jikseb vantagg personali. Din it-tifsira ordinarja tinghata rizalt meta, bhalma gara fil-kaz ta' l-artikolu f'pagna 5 tal-harga tat-8 ta' Dcembru 1997 – l-artikolu inkriminat f'din il-kawza – il-korp ta' l-artikolu bl-intestatura "**Alfred Sant korrott –** *Austin Gatt*" jirriproduci dak li qal il-konvenut Gatt dwar kif il-kuntratt ghall-pubblicita` tat-taxxa CET inghata mhux b'*tender* izda bil-procedura tal-*quotation* u baqa' jigi estiz b'*direct order* sa ma n-nefqa telghet mis-Lm36,000 originarjament ivvotata jew anticipata ghal Lm730,000. Fir-raba' kolonna ta' l-artikolu jinghad ukoll – dejjem bhala kliem il-konvenut Gatt – li minn din il-kampanja pubblicitarja il-Malta Labour Party dahhal Lm214,000. Min jaqra dan l-artikolu ma jistax ma jasalx ghall-konkluzzjoni li l-attur hu korrott ghax b'xi mod, kif ighid il-malti, bil subghajh u kiseb xi vantagg personali minn dan kollu. Isegwi ghalhekk, li biex l-appellant, allura konvenut, Onor. Dr Austin Gatt jirnexxi fid-difiza tieghu ta' "fair comment" kellu jipprova li verament kien hemm jew sehhew affarijiet li kienu mqar minimament jiggustifikaw il-konkluzzjoni li l-attur kien b'xi mod hazin kiseb vantagg personali kif fuq imfisser. It-test applikabbli huwa dak indikat minn Diplock J. fil-kawza **Silkin v. Beaverbrook Newspapers Ltd** [6]:

**"…so in considering this case…do not apply the test of whether you agree with it. If juries did that, freedom of speech, the right of the crank to say what he likes, would go. Would a fair-minded man holding strong views, obstinate views, prejudiced views have been capable of making this comment? If the answer to that is yes then your verdict in this case should be a verdict for the defendant. Such a verdict does not mean that you agree with the comments. All it means**

[6] [1958] 2 All E.R. 516.

**is that you think that a man might honestly hold those views on those facts."**

**12.** Fid-deposizzjonijiet tieghu quddiem l-ewwel Qorti l-appellant, wara li, kif diga` gie mfisser aktar 'l fuq f'din is-sentenza, spjega x'kien qal fil-Konferenza Generali dwar il-proprjeta` tal-MLP f'Pembroke, dwar l-ghoti tal-kuntratti ghall-pubblicita` tat-taxxa CET, u dwar kif Phil Noble spicca jahdem ma' kumpanija li huwa stess kien issuggerixxa bhala wahda li tista' tinghata kuntratt, spjega wkoll li fi tmiem dak id-diskors huwa kien qal testwalment hekk: "Jien nghid li ghandi provi bizzejjed biex nghid li Alfred Sant hu korrott". Din, bhall-intestatura ta' l-artikolu fil-gazzetta, mhux biss hija maghmula bhala affermazzjoni ta' fatt u mhux semplici opinjoni jew kumment, izda neccessarjament timplika ghas-semmiegh ordinarju li b'xi mod l-attur ghamel xi haga hazina li permezz taghha ivvantaggja ruhhu <u>personalment</u>. Kuntrarjament ghal dak li donnu qed jghid l-appellant fir-rikors ta' appell tieghu, ma kinitx l-ewwel Qorti li ghamlet jew holqot id-distinzjoni – li huwa jsejhilha "sofizmu lingwistika ricerkat" – bejn korruzzjoni fis-sens personali u korruzzjoni fis-sens ta' politika korrotta jew hazina, <u>izda kien hu stess</u>. Infatti meta l-konvenut Onor. Dott. Austin Gatt xehed ghat-tieni darba fl-udjenza tat-8 ta' Jannar 1998, huwa qal hekk – ara fol. 29:

**"Jien, bir-rispett kollu, jiena personalment stqarrejtha pubblikament jien minghalija fuq ir-'radio', dejjem sostnejt li Dr. Sant m'huwiex personalment korrott; ghidtha car u tond diversi drabi. Pero` il-kliem 'Dr. Sant huwa korrott' huwa konkluzzjoni ta' argumentazzjoni illi tohrog minn fatti hafna precedenti ghal, anke fid-diskors fih innifsu…"**

U aktar tard, a fol. 35 insibu:
**"Jiena qatt, la ktibt, la ghidt, illi Dr. Sant huwa personali korrott, qatt ma ghidtha – anzi nibqa' insostniha, nghidha car. Jien imkien ma ghidt – u rrid naghmilha carissima din, Sur Imhallef, din, jigifieri anke ghidtha fuq ir-'radio' diversi drabi waqt li kienet ghaddejja l-kontroversja – imkien ma ghidt x'imkien**

**illi Dr. Sant jew ghamel dan biex idahhal xi sold fil-but jew xi hadd hallsu, assolutament. Jien konvint li din mhix kwistjoni personali; din hija kwistjoni politika, *punto e basta*.”**

Din id-distinzjoni li, jerga’ jigi mtenni, ghamilha l-istess appellant quddiem il-Prim Awla, hija fil-fatt korretta; u ghalhekk kienet ukoll korretta l-ewwel Qorti meta qalet li ma kellhiex ghalfejn toqghod tezamina l-fatti li fuqhom strieh il-konvenut appellant biex fl-ewwel lok tara dawn kienux sostanzjalment veri u konsegwentement, fit-tieni lok, kienux jiggustifikaw il-kumment li “Alfred Sant hu korrott” peress li l-fatti setghu jwasslu biss ghall-konkluzzjoni dwar il-politika ta’ l-attur u mhux dwaru personalment. Li kieku, ghall-grazzja ta’ l-argument u ghall-grazzja ta’ l-argument biss – ghax anke din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn tidhol biex tezamina kemm dawk il-fatti huma veri – wiehed kellu jiehu *a bocca baciata* dak kollu li qal il-konvenut Gatt fid-diskors tieghu, wiehed jista’ jasal ghall-konkluzzjoni – u allura ghal opinjoni jew kumment – li l-politika li biha kien miexi il-Gvern immexxi minn Dr Alfred Sant kienet politika li taghti lok ghal korruzzjoni, ghal nepotizmu, politika hazina, anke possibilment tikkwalifika bhala politika korrotta jew incestwuza jew ta’ sparpaljar ta’ flus – izda certament ma setghet qatt tiggustifika l-affermazzjoni li l-attur kien korrott fis-sens li huwa personalment kien qed jikseb xi vantagg fi flus jew kwantifikabbli fi flus, jigifieri li kien, biex wiehed juza l-espressjoni wzata mill-konvenut appellant fid-deposizzjoni tieghu aktar ’l fuq citata, “personalment korrott”. Ghalkemm il-margini ossia latitudini ghal kritika hija aktar wiesgha meta si tratta ta’ ufficjali pubblici u specjalment ta’ nies fil-politika, u l-imgieba taghhom tista’ tkun soggetta ghal kritika, anke kritika harxa, kulhadd – anke l-politici – ghandhom dritt ghar-reputazzjoni tajba taghhom – ara s-sentenza ta’ din il-Qorti tad-9 ta’ Frar 2007 fl-ismijiet **Onor. Dr Eddie Fenech Adami et v. Malta Labour Party u Frans Ghirxi**. Ghalhekk l-appell tal-konvenut qed jigi respint.

**13.** L-attur jillanja, fil-konfront tal-konvenut Onor. Dr Austin Gatt, li d-danni kellhom ikunu aktar tenut kont tal-

gravita` tal-malafama. Din il-Qorti ma taqbilx. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, jidher li meta l-konvenut Onor. Dr Austin Gatt irrealizza li dak li kien qal kien malafamanti ghax kellu tifsira differenti minn dak li effettivament ried jghid, huwa ghamel minn kollox biex jipprova jispjega li dak li kien qal ma kienx b'referenza ghall-attur personalment – cioe`, kif diga` nghad, li hu kien personalment korrott – izda li l-politika tal-Gvern minnu mmexxi kienet wahda korrotta. Din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti fir-rigward tal-*quantum* tad-danni.

**14.** Kwantu ghall-konvenut l-iehor – Michael Caruana – u l-aggravju ta' l-attur li dan ma kellux jipprevalixxi mid-difiza kontemplata fl-Artikolu 12A tal-Kap. 248, din il-Qorti hi tal-fehma li dana l-aggravju ta' l-attur kif migjub fl-appell incidentali tieghu huwa wkoll infondat. Ghalkemm ir-rapport ma rriproduciex id-diskors kollu, dak li gie riprodott kien precizament dak li kien qal il-konvenut l-iehor, anke fir-rigward ta' l-imputazzjoni ta' korruzzjoni fir-rigward ta' l-attur. L-abbrevjazzjoni fl-intestatura ma tnaqqasx mill-"precizjoni", liema precizjoni wiehed irid ihares lejha mill-*punto di vista* tal-messagg li l-kelliem ried iwassal – mhux, ghalhekk, precizjoni fis-sens li r-rapport irid ikun "transcript" mill-bidu sa l-ahhar ta' kull kelma li ntqalet. Huwa veru li, mit-tlett cirkostanzi msemmija mill-konvenut Gatt fid-diskors tieghu, ir-rapport isemmi biss wahda – dik tal-kuntratti assocjati mal-pubblicita` fir-rigward tat-taxxa CET – pero` dan, fil-fehma kunsidrata tal-Qorti, ma naqqasx mill-precizjoni tar-rapport, ghax dak li gie riprodott kien rapport preciz ghall-finijiet ta' l-Artikolu 12A imsemmi. Kien ikun differenti, per ezempju, li kieku mid-diskors thalliet barra xi haga li, ghal dak li jirrigwarda l-imputazzjoni ta' korruzzjoni, kienet tista' tikkwalifika, tnaqqas jew addirittura tbiddel is-sens kollu ta' dik l-imputazzjoni – f'dan il-kaz ma kienx ikun jista' jinghad li r-rapport kien wiehed preciz ghall-finijiet tad-disposizzjoni in dizamina. Ghalhekk anke dana l-aggravju ta' l-attur qed jigi respint.

**15.** Fl-ahhar nett din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-ispejjez kif akkollati mill-ewwel Qorti.

**<u>Decide</u>**

**16.** Ghall-motivi premessi, tichad kemm l-appell principali tal-konvenut Onor. Dr Austin Gatt kif ukoll l-appell incidentali ta’ l-attur Onor. Dr Alfred Sant, u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha, u ghalhekk anke ghal dawk li huma l-ispejjez. L-ispejjez ta’ din l-istanza jithallsu hekk: dawk konnessi ma’ l-appell principali jithallsu mill-konvenut Onor. Dr Austin Gatt, mentri dawk konnessi ma’ l-appell incidentali jithallsu mill-attur Onor. Dr Alfred Sant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------